**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 38/2011**

**Hilaire P. Vincenti (ID 0102427M) u b'digriet tal-10 ta' Jannar 2013 zdiedu l-kliem "u permezz ta' rikors tad-9 ta' Jannar 2013 it-Tabib Dr. Joseph Henry Vincenti u l-Avukat Dr. Veronica Aquilina assumew l-atti fil-kwalità taghhom ta' kuraturi ta' Hilaire P. Vincenti"**

**vs**

**Nutar Dottor Sandro Schembri Adami (ID 0048863M)**

**Illum 27 ta' Frar 2018**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur:

1. Illi r-rikorrenti jirki l-fond 2001/1, Triq l-Ifran, Valletta lill-intimat versu kera ta' erbgha u tmenin lira Maltin (Lm84) ossija mija u sebgha u disghin euro u sebgha u sittin centezmu euro (€195.67) fis-sena;

2. Illi l-iskop ta' l-imsemmija kirja kien sabiex il-fond jintuza bhala ufficju professjonali;

3. Illi l-intimat ilu issa diversi snin li waqaf jipprattika l-professjoni tieghu u l-ufficju tieghu m'ghadux jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri, u lanqas jista' jintuza ghal tali skop ghal numru ta' snin;

4. Illi l-ufficju lanqas ma huwa qieghed jintuza ghal ebda skop iehor, u ilu diversi snin maghluq;

5. Illi debitament interpellat sabiex jirritorna c-cwievet bonarjament, l-intimat irrifjuta u ddepozita l-kera taht l-Awtorità tal-Qorti;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob umilment lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jawtorizzah sabiex ma jgeddidx il-kirja kurrenti u sabiex tordna r-rilaxx u l-izgumbrament effettiv tal-fond entro terminu qasir u perentorju.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimat:

1. Preliminarjament jigi eccepit ir-res judicata ta' l-azzjoni odjerna in vista tal-fatt li l-meritu odjern gia jinsab deciz

permezz ta' procedura identika fir-rikors numru 71/2008GG;

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal permess jinghad li t-talba kif dedotta hija legalment inammissibbli ghar-ragunijiet li sejrin jigu elaborati ahjar waqt l-ismiegh ta' dawn l-istess proceduri;

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghal premess jinghad li t-talba dedotta hija nfondata kemm fuq bazi legali u kif ukoll dik fattwali kif ser jirrizulta ahjar waqt l-ismiegh ta' dawn il-proceduri;

4. B'riserva li jigu prezentati risposti ulterjuri waqt l-ismiegh ta' dawn l-istess proceduri f'kaz li jirrizulta hekk opportun.

Bl-ispejjes kontra r-rikorrenti minn issa ngunt personalment ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ra illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2017, ir-rikorrent irrimetta ruhu ghall-atti.

Sema' s-sottomissjonijiet ghan-nom tal-intimat.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi f' din il-kawza r-rikorrent qieghed jitlob illi ma jgeddidx il-kirja ghaliex (1) il-fond mhux jintuza bhala ufficcju professjonali, (2) mhux jintuza ghall-iskop li ghalih gie mikri u (3) u lanqas ghall-ebda skop iehor u ilu diversi snin maghluq u lanqas jista' jintuza ghal numru ta' snin.

L-intimat jeccepixxi (1) res judicata 71/2008, (2) it-talba hija legalment inammissibbli, (3) it-talba hija infondata fid-dritt u fil-fatt.

Illi mill-provi mressqa mir-rikorrent jirrizulta li l-fond kien qed jinzamm maghluq anke minn zmien qabel ma l-intimat sar residenti fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin. Dan jirrizulta mix-xhieda tas-segretarja tar-rikorrent u ukoll minn xhieda ohrajn. Mhux biss izda l-fond kien jidher mitluq u sahansitra is-sellatura kienet tidher li xi hadd prova jisgassa.

Illi l-intimat ghadda ukoll zmien fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin, matul liema zmien jirrizulta li l-fond kien jinzamm maghluq.

L-intimat jissottometti li l-fond ma kienx mikri bhala ufficcju notarili fuq liema kawzali r-rikorrent bbaza l-kawza tieghu. Ta' min jispecifika li fil-fatt il-kawzali tar-rikorrent ma hiex li l-ufficcju mhux jintuza bhala ufficcju notarili izda bhala ufficcju professjonali u ghalhekk mhux limitat ghall-professjoni notarili.

Illi l-intimat jaghmel analogija ma' dak li tghid il-ligi fir-rigward ta' fondi li jintuzaw bhala residenza u cioè li assenza temporanja bhal rikoveru l-isptar jew f'Dar ta' l-Anzjani, u assenzi ghar-ragunijiet ta' xoghol jew studju fl-esteru, m'ghandhiex twassal sabiex l-inkwilin jitlef l-inkwilinat.

Illi pero l-fattispecie tal-kaz odjern ma jaqghux f'wahda mill-eccezzjonijiet elenkati mil-ligi.

Illi l-intimat xehed illi huwa fi hsiebu jerga' juza l-ufficcju la darba johrog mill-Facilità Korrettiva ta' Kordin, izda l-Bord huwa mizmum illi jezamina l-fatti precedenti ghal din il-kawza li taw lok ghal din il-kawza u mhux il-fatti fil-mori ta' l-istess.

Illi fir-rigward tal-ewwel zewg eccezzjonijiet ma ngabet l-ebda prova u ghalhekk il-Bord ma jistax jilqa' tali eccezzjonijiet. Ghandu jinghad però illi l-Bord ha konjizzjoni ta' dak il-process, allegatament res judicata bejn il-partijiet, u tas-sentenza fir-rikors 71/2008 fl-istess ismijiet moghtija fl-14 ta' Frar 2011, minn liema jirrizulta li l-partijiet f'dik il-kawza ma ressqux provi. Mhux hekk fil-kawza odjerna fejn il-provi tressqu minn naha taz-zewg partijiet.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qieghed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' zmien xahar mil-lum.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur